

**DEĊIŻJONI DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI TAS-SERVIZZI BI ĦLAS**

**(Deċiżjoni tal-Kunsill Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea  
għas-Sustanzi Kimiċi)**

**INFORMAZZJONI LEGALI IMPORTANTI**

**Il-verżjoni bil-Malti hija konsolidazzjoni mhux uffiċjali tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Aġenzija Ewropea dwar il-klassifikazzjoni tas-servizzi bi ħlas (MB/D/29/2010 finali), kif emendata bid-deċiżjoni tal-Kunsill Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi MB/21/2012/D finali (l-emendi li ġew introdotti minn din tal-aħħar huma fil-korsiv). Din il-verżjoni bil-Malti kkonsolidata hija miktuba għal għanijiet ta' informazzjoni biss u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma tassumi l-ebda responsabbiltà tagħha. Din il-verżjoni mhijiex awtorevoli u m'għandha l-ebda effett legali.**

## DEĊIŻJONI DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI TAS-SERVIZZI BI ĦLAS

### IL-KUNSILL AMMINISTRATTIV TAL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI

wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni tas-sustanzi kimiċi, u r-restrizzjonijiet applikabbli għal dawn is-sustanzi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-sustanzi kimiċi, jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 74(5) tiegħu,

wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 340/2008 tal-Kummissjoni tas-16 ta' April 2008 dwar il-ħlasijiet u l-ispejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' sustanzi kimiċi, u r-restrizzjonijiet applikabbli għal dawn is-sustanzi (REACH), u b'mod partikolari l-ħdax-il premessa tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 11, l-Artikolu 13(4), u l-Artikolu 22(1) tiegħu,

billi:

1. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija") tista' tiġbor ħlasijiet għal servizzi oħra minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 74 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.
2. Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 340/2008, huwa d-dmir tal-Kunsill Amministrattiv, wara opinjoni favorevoli tal-Kummissjoni, li jadotta klassifikazzjoni ta' dawn is-servizzi u l-ħlasijiet.
3. Meta persuna fiżika jew ġuridika tinvoka d-dritt għal tnaqqis jew għal eżenzjoni mill-ħlas skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, iżda ma tistax ttipprova dan id-dritt, l-Aġenzija għandha tirċievi ħlas amministrattiv, minbarra l-ħlas jew l-ispiża kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 340/2008.
4. Meta persuna fiżika jew ġuridika li tkun invokat id-dritt għal tnaqqis tkun diġà ħallset spiża jew ħlas imnaqqas skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, iżda ma tistax ttipprova dan id-dritt, l-Aġenzija għandha tirċievi ħlas amministrattiv, minbarra l-ħlas jew l-ispejjeż kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 340/2008.
5. Ħlas amministrattiv differenzjat għandu jkun applikat għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fit-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji. *Hawnhekk ta' min iħeġġeġ lill-impriżi li ddikjaraw daqs li ma jikkorrispondix mal-kategorija tagħhom sabiex jirranġaw dan l-iżball sabiex jonqos l-ammont ta' xogħol fuq l-Aġenzija. Huwa għalhekk xieraq li jingħata tnaqqis ta' 50 % mill-ħlas amministrattiv lill-impriżi li jkunu rranġaw dan l-iżball billi jiddikjaraw id-daqs korrett fiż-żmien speċifikat wara li jkunu ġew ikkuntattjati mill-Aġenzija, soġġett għall-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet.*

6. Inħasset il-ħtieġa li jiġu pprovduti servizzi lir-reġistranti, lill-applikanti għall-awtorizzazzjoni u partijiet oħrajn li jissottomettu dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, sabiex tiġi ffaċilitata s-sottomissjoni tad-dossier tagħhom. L-Aġenzija għandha titlob ħlas għal dawn is-servizzi, sabiex tkopri l-ispejjeż li jinħolqu mill-kompiti mhux koperti mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006.
7. L-ammont tal-ħlasijiet marbuta mas-servizzi pprovduti mill-Aġenzija għandu jkun stabbilit sabiex ikopri l-ispejjeż tal-Aġenzija.
8. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jirrevedi dawn il-ħlasijiet abbażi tar-rata ta' inflazzjoni mkejla mill-Indiċi Ewropew tal-Prezzijiet għall-Konsumatur ippubblikat mill-Eurostat skont ir-Regolament (KE) Nru 2494/95.

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*  
*Definizzjonijiet*

1. Il-“ħlasijiet għas-servizzi” jirreferu għall-ħlasijiet marbuta mas-servizzi amministrattivi jew tekniċi li mhumiex imsemmija mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew ir-Regolament (KE) Nru 340/2008 u li huma kklassifikati f'din id-deċiżjoni.
2. Il-“ħlasijiet amministrattivi” jirreferu għall-ħlasijiet previsti mill-Artikolu 13(4), tar-Regolament (KE) Nru 340/2008 u kklassifikati f'din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*  
*ħlasijiet amministrattivi*

L-Aġenzija għandha tirċievi ħlas amministrattiv skont l-Artikolu 13(4), tar-Regolament (KE) Nru 340/2008 fil-każijiet li ġejjin:

- Meta persuna fiżika jew ġuridika tinvoka d-dritt għal tnaqqis jew għal eżenzjoni mill-ħlas skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, iżda ma tistax ttipprova dan id-dritt.
- Meta persuna fiżika jew ġuridika li tkun invokat id-dritt għal tnaqqis tkun diġà ħallset spiża jew ħlas imnaqqas skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u r-Regolament (KE) Nru 340/2008, iżda ma tistax ttipprova dan id-dritt.

*Artikolu 3  
Ħlasijiet għas-servizzi*

1. Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 340/2008 tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tirċievi ħlas meta, fuq talba ta' parti li tissottometti dossier skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, hija tipprovdi servizz li mhuwiex previst mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jiffaċilita s-sottomissjoni tad-dossier.
2. Meta applikant jitlob servizz imsemmi fl-ewwel paragrafu, l-Aġenzija għandha tistabilixxi ammont massimu tal-kont u tinformah dwaru. L-ammont massimu jiġi aċċettat mill-applikant, l-Aġenzija tkun tista' tipprovdi s-servizz mitlub.

*Artikolu 4  
Skala tal-ħlasijiet*

1. It-tabella 1 tal-Anness għal din id-deċiżjoni tistabilixxi l-iskala ta' klassifikazzjoni tal-ħlasijiet amministrattivi msemmija fl-Artikolu 2. Meta l-impriża inkwistjoni tkun ta' daqs żgħir jew medju, l-Aġenzija għandha timponi ħlas imnaqqas, kif indikat fit-tabella 1. Jekk l-Aġenzija titlob elementi ta' prova dwar id-daqs tal-impriża imma dawn il-provi ma tircievihomx, l-ammont ta' dan il-ħlas jista' jiġi stabbilit għal dak mitlub lil impriża kbira.
2. It-tabella 2 tal-Anness għal din id-deċiżjoni tistabilixxi l-iskala ta' klassifikazzjoni tal-ħlasijiet għas-servizzi msemmija fl-Artikolu 3. Il-ħlas għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-ammont minimu ta' kuljum tal-Aġenzija, li jikkorrispondi għal 0.5 ta' jum ta' xogħol.
3. L-iskala tal-ħlasijiet tista' tkun aġġornata fuq deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija, abbażi tar-rata ta' inflazzjoni kif imkejla fl-Indiċi Ewropew tal-Prezzijiet għall-Konsumatur ippubblikat mill-Eurostat skont ir-Regolament (KE) Nru 2494/95.
4. *Għall-impriżi li ddikjaraw daqs li ma jikkorrispondix għall-kategorija tagħhom, il-ħlas amministrattiv għandu jitnaqqas b'50 %, soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:*
  - a) *l-impriża inkwistjoni tikkomunika l-kategorija li tappartjeni għaliha lill-Aġenzija fl-iskadenzi mogħtija, b'mod li turi li għandha dritt għal tnaqqis fil-ħlas; u*
  - b) *jekk l-impriża inkwistjoni tkompli tippretendi li għandha dritt għal tnaqqis fil-ħlas għall-SMEs, tipprovdi lill-Aġenzija, fl-iskadenzi mogħtija, id-dokumenti li jiġġustifikaw din il-pretensjoni u li jippermettu lill-Aġenzija tikkonferma l-kategorija ta' SMEs li għaliha l-impriża tiddikjara li tappartjeni.*

*Artikolu 5  
Dħul fis-seħħ*

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 6  
Pubblikazzjoni*

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija.

Magħmul fit-12 ta' Novembru 2010. [*Emendi magħmula fit-12 ta' Frar 2013*]

Għall-Kunsill Amministrattiv

Il-President

(firma)

**Skala tal-ħlasijiet**

**Tabella 1**  
**ħlasijiet amministrattivi msemija fl-Artikolu 2**

Daqs tal-Impriża	<b>ħlas amministrattiv (EUR)</b>
Kbira (mhux SME)	<i>19,900</i>
Medja	<i>13,900</i>
Żgħira	<i>7,960</i>

**Tabella 2**  
**ħlasijiet għas-servizzi msemija fl-Artikolu 3**

Ir-rata ta' kuljum użata għall-kalkolu tal-ħlasijiet għas-servizzi tammonta għal EUR 890.